# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)

**PRESIDENT**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001.**

**Numru 1**

**Avviz numru 541/98 JR**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**Rose Borg**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Dan hu appell proceduralí minn din is-sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tas-7 ta' Novembru 2000 :-

> "Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Novembru 1998, fejn intalab il-hlas ta' sitta u tmenin lira Maltija hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25) valur ta' tlett kambjali ta' tmienja u ghoxrin lira Maltija hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75) il-wahda (Dok A u C esebiti) li skadew bejn l-24 ta' Awissu 1998 u l-24 ta' Ottubru 1998.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta fis-27 ta' Novembru 1998, fejn intqal illi t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata u l-ammont mitlub ma hux dovut stante illi l-oggett mibjugh u konsenjat ma hux tal-kwalita' pattwita kif jista' jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra d-digriet moghti fil-15 ta' Jannar 1999, li fih inghad illi l-eccezzjoni moghtija hija valida u ordna l-prosegwiment tal-kawza fil-meritu.

Ra s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fid-9 ta' April 1999, li bih cahdet l-appell mid-digriet in kwantu proceduralment irritu u null, bl-ispejjez kontra l-appellant nominee u rrinvijat l-atti lit-Tribunal ghall-kontinwazzjoni.

Ra illi fl-20 ta' Dicembru 1999, il-konvenuta pprezentat risposta ohra (fuq formula ta' risposta ghall-kontrotalba) fejn intqal :-

1. Li t-talbiet ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet u eccezzjonijiet ta' kawza pendenti fl-istess ismijiet ;

2. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Fl-istess risposta intqal illi l-konvenuta kienet xtrat "air conditioner" li ma kienx tal-kwalita', jew tan-natura li ftehmu fuqu, u l-kambjali kienu parti ntegrali mill-ftehim.

Semgha x-xhieda ta' Ray Mallia, Rose Borg, Emanuel Buttigieg, Brian Grech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :-

1. Illi dan il-kaz kien qed jistenna l-ezitu ta' kawza ohra, in vista tal-fatt li wiehed irid jikkunsidra l-kompetenza o meno ta' dan it-Tribunal.

2. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Ottubru 2000, fil-kawza fl-ismijiet "Blye Engineering Company Limited vs Vincent Caruana" fejn intqal hekk :-

"…..tnejn kienu t-toroq miftuhin ghat-Tribunal :

(a) jew li jqis l-azzjoni bhala wahda strettament kambjarja, u allura, una volta ma kellux eccezzjonijiet li jattakkaw il-kambjali nfushom, dan kellu necessarjament iwassal biex it-talba attrici tintlaqa' fuq dik il-kawzali, jew

(b) alternattivament illi jissospendi li jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu u jirrimetti lill-partijiet ghall-azzjoni apposita quddiem it-Tribunal kompetenti biex tigi ventilata l-eccezzjoni proposta mill-konvenut, immirata ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh bazata fuq il-kawzali li l-oggett konsenjat ma kienx skond il-kwalita' pattwita."

Inghad inoltre li :-

…."it-Tribunal ma kellu ebda dritt, anke jekk a bazi ta' l-ekwita', li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-Ligi ghall-mertu, multo magis fejn tali mertu jkun jidher li jezorbita l-gurisdizzjoni tieghu."

3. Fil-kaz odjern jirrizulta illi l-eccezzjoni moghtija hija fis-sens li l-oggett konsenjat, f'dan il-kaz "air conditioner", ma kienx tal-kwalita' pattwita. Il-konvenuta qed tallega li hi kienet ordnat marka specifika u giet konsenjata lilha marka ohra. Ghalhekk ma damx dubbju, in vista tal-fatti kif inhuma u tas-sentenza fuq citata, li l-eccezzjoni hi immirata biex tattakka l-kuntratt ta' bejgh. Ghalhekk din tezorbita l-kompetenza tat-Tribunal, gjaladarba t-Tribunal accetta li jsiru eccezzjonijiet fuq il-meritu.

It-Tribunal ghaldaqstant qed jissospendi li jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jirrimetti lill-konvenuta ghall-azzjoni proposta quddiem it-Tribunal kompetenti ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' kompro-vendita fit-termini minnha eccepiti quddiem dan it-Tribunal, u jiddikjara ruhu mhux kompetenti biex jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Fic-cirkostazi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Is-socjeta' attrici appellanti appellat minn din is-sentenza u ssottomettiet illi dik hija ghal kollox zbaljata ghaliex l-artikolu 7 (2) tal-Att 5 tal-1995 imkien ma jghid illi l-konvenut jista' jirrendi l-azzjoni attrici mhux ta' kompetenza tat-Tribunal billi jivvinta eccezzjoni li fin-natura taghha tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Dan l-artikolu jezigi biss

li t-Tribunal ghandu jissospendi u mhux jiddikjara ruhu inkompetenti li jiehu konjizzjoni aktar tal-kawza. Haga li ma setghatx tkun ghaliex il-mertu kif propost kien jaqa' esklussivament fil-kompetenza tat-Tribunal ai termini tal-artikolu 3 tal-istess Att.

Dan l-aggravju hu ghal kollox sostenibbli fil-ligi. Infatti ma kellu l-ebda dubbju illi l-azzjoni, kif proposta u bazata fuq talba ghall-kanonizazzjoni tal-hlas ta' numru ta' kambjaliet sic et sempliciter, kienet certament taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal u setghet tigi liberament minnu deciza. Il-fatt illi t-Tribunal deherlu illi l-eccezzjoni moghtija kienet tali illi, jekk sostnuta, twessa' l-indagini tal-Qorti ghall-mertu li kien jezorbita lil hinn mill-kompetenza tieghu, ma jfissirx illi b'daqshekk kellu jastjeni milli definittivament jikkonsidra dak illi, skond il-ligi, kien jaqa' fil-kompetenza tieghu li kieku ma kienx ghall-eccezzjoni moghtija.

Kien proprju ghalhekk illi l-ligi b'ghaqal tuza t-terminu "jissospendi" il-konsiderazzjoni tieghu u mhux it-terminu "jastjeni" li effettivament kienet kieku tfisser illi l-attur ma kienx jibqghalu rimedju quddiem dak it-Tribunal anke fir-rigward tal-mertu li jkun jaqa' fil-kompetenza tieghu u anke jekk il-konvenut jonqos li jipproponi l-azzjoni prospettata fl-eccezzjoni tieghu u li kienet tinvesti mertu mhux ta' kompetenza tat-Tribunal. Kellu fil-fatt ikun car illi l-azzjoni kif proposta kienet tmur oltre l-kompetenza tat-Tribunal mhux sempliciment bl-ghoti tal-eccezzjoni imma biss meta l-konvenut jiddeduci l-mertu avvanzat fl-eccezzjoni –

f'dan il-kaz il-kontestazzjoni dwar il-validita' tal-kuntratt ta' bejgh – quddiem il-Qorti kompetenti. Dan ghaliex it-Tribunal ma jkunx kompetenti illi jinvesti tali mertu li seta' certament ikollu effett dirett fuq it-talba quddiemu in kwantu jkun jiggustifika lill-konvenut milli jhallas dak minnu mitlub. Kien allura ghaqli illi t-Tribunal jistenna sakemm il-Qorti kompetenti tidderimi u tiddeciedi dwar dak il-mertu u konsegwentement li jissospendi l-proceduri quddiemu.

Kien ghalhekk li din il-Qorti fil-kawza bl-ismijiet "Blye Engineering Company Limited vs Vincent Caruana" deciza in parte minnha fis-27 ta' Ottubru 2000 irriteniet illi f'cirkostanzi bhal dawn il-procedura korretta kellha tkun illi t-Tribunal jissospendi l-procediment u jaghti lill-konvenut terminu qasir u perentorju biex jekk hekk jidhirlu jiddeduci l-pretensjoni tieghu quddiem il-Qorti kompetenti b'azzjoni ghall-annullament tal-kuntratt tal-komprovendita waqt li tirriserva li terga' tiehu konjizzjoni tal-mertu u tiddeciedih f'kaz illi t-terminu minnha moghti jghaddi inutilment jew f'kaz li l-azzjoni tentata lill-konvenut appellat tigi finalment deciza mill-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' tali mertu. Altrimenti s-socjeta' attrici setghet tispicca bla rimedju biex tirrevendika l-jeddijiet taghha kif dedotti bl-avviz.

Gustament allura din il-Qorti kellha tilqa' l-aggravju tas-socjeta' appellanti fis-sens illi r-rimedju procedurali li kellu jigi adottat f'din il-kawza kellu jkun l-istess bhal dik illi din il-Qorti kif preseduta iddegretat

fis-sentenza fil-kawza "Blye Engineering Company Limited vs Vincent Caruana" appena citata u sejra allura taderixxi mat-talba kif proposta fir-rikors tal-appell. Kienet ukoll sejra tapplika l-provvediment tas-sub-inciz 3 tal-artikolu 8 tal-Att numru V tal-1995 li jipprovdi illi meta l-Qorti tal-Appell taqta' illi l-appell ikun fondat u gustifikat, din ghandha thassar id-decizjoni tat-Tribunal u ghandha hi stess taqta' t-talba skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-istess Att. Ma kienx allura l-kaz li din il-Qorti tirrimetti l-atti quddim it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar. Sejra tiddegreta dak li fil-fehma taghha hu l-provvediment procedurali gust ghall-prosegwiment tal-kawza li tibqa' allura pendenti quddiemha.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh fis-sens illi din il-Qorti qed taghti terminu perentorju ta' xahar lill-appellata biex, jekk jidhrilha, tipproponi l-azzjoni ghar-recissjoni tal-komprovendita quddiem il-Qorti kompetenti skond kif minnha eccepit quddiem it-Tribunal. Tiddiferixxi l-kawza sine die proponibbli b'rikors minn xi parti wara li tkun finalment deciza mill-Qorti kompetenti l-kawza li kellha tipproponi l-konvenuta fiz-zmien lilha moghti jew, f'kaz li taghzel li hekk ma taghmilx, appena jiskadi dak l-istess terminu inutilment. Ghal kull buon fini jigi dikjarat illi l-provvediment fir-rigward tad-deserzjoni tal-kawzi ma kellhomx jiddekorru. L-ispejjez ta' dan l-appell kellha tbatihom il-konvenuta.

Dep/Reg

mg